MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2012

Numru. 691/1999

Il-Pulizija
(Sup Carmelo Bartolo)
vs
David Vella, iben Emanuel, imwieled Pieta' fit-18 ta' Lulju, 1978, karta ta' l-identita numru 345478(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
1. talli fit-3 ta' Mejju, 1997 waqt li kien Ħal-Qormi f'xi ħin bejn l-10.00 a.m. u il-11.15 a.m. ikkometta serq ta' arma tan-nar u cioe' senter tal-għamla 'Breda' bin-numru tas-serje A129170 minn vettura pparkjata bin-numru tar-reġistrazzjoni AAC 105, liema serq sar għad-dannu ta' Emanuel Briffa minn Ħal-Luqa, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz u bl-ammont li ma jiskorriex l-elf lira maltin (Lm1,000), kif ukoll bin-natura tal-ħaġa misruqa;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAC 105, liema ħsara me tiskorriex il-valur ta' ħamsin lira maltija (Lm50) li saret għad-dannu ta' Emanuel Briffa minn Ħal-Luqa;
3. talli f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn is-27 ta' Frar, 1999 u ix-xaharrejn ta' qabel dinid-data waqt li kien f'St. Andrews ikkometta serq ta' arma tan-nar u cioe' senter tal-għamla 'Zabala', liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li ma jiskorriex l-elf lira maltin (Lm1,000) li sar għad-dannu ta' Birian Mifsud minn Ħal-Qormi;
4. talli f'dawn il-Gżejjer, matul il-perjodu ta' bejn it-3 ta' Mejju, 1997 u is-27 ta' Frar, 1999 xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta u cioe' żewġ snieter wieħed tal-għamla 'Breda' u l-ieħor tal-għamla 'Zabala' jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxihom;
5. talli matul il-perjodu ta' bejn it-3 ta' Mejju, 1997 u is-27 ta' Frar, 1999 b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
a. mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm f'xi fond, armi tan-nar u munizzjon jew kellu f'idejh jew fuqu armi tan-nar u munizzjon mhux f'fond jew f'post li jagħmel miegħu;
b. talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, wara li ġie fil-pussess ta' armi tan-nar u munizzjon, xort'oħra milli b'liċenzja, naqas li minnufih jagħti avviż tagħhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, illi jordna jekk dik l-arma tan-nar u munizzjon għandhomx ikun taħt idejn il-pulizja jew taħt idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviż;
c. talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer zamm u/jew ġarr żewġ armi tan-nar u cioe' żewġ snieter isserrati u munizzjon mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Ottubru, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-

imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 279(b), 281, 334, 18, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 2, 3, 9, 26 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju, 2007 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ġunju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Irrilevat illi dan il-proċess inħaraq fn-nirien li ħakmu din il-Qorti fit-12 ta' Lulju, 2004.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271(g) u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 2, 3, 9, 26 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi minħabba l-ħruq, u it-trapass taż-żmien piena karċerarja mhix indikata. Għalhekk, tikkundanna lill-imputat għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-

somma ta’ ħames mitt euro (€500) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------